**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Marzu, 2016

Rikors Nru : 526/15 AL

**Ab**
***vs***

**Cd**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta:

1. Illi l-esponenti izzewweg lill-intimata permez ta' cerimonja religjuza nhar it-tlettax ta' Gunju tas-sena elfejn u erbgha (13/6/2004) (vide kopja tac-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok A);
2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Dr Marco Burlo datat hdax ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (11/11/2010) (vide kopja annessa u mmarkata bhala Dok B);

3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt (2) itfal T Bi li twieled nhar is-sitta u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed (26/11/2001) u K B li twieldet nhar it-tmienja u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (28/10/2006) u ma hemmx kwistjonijiet rigward manteniment jew kwistjonijiet ohra pendenti t'ebda natura bejniethom;
4. Illi ghaddew iktar minn erba' (4) snin mid-data ta' separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
5. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha necessarji rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talbet ghal dawn il-motivi li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata Charlene Mifsud hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Dicembru 2015;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx u ma ipprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom ilhom legalment separati mill-11 ta' Novembru 2010;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.